Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-390 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Kevin Plumpton kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-389 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa meta kienet ser tiġi rranġata l-bankina quddiem il-ħanut *Benvenieu* fi Triq Bajada kantuniera ma' Triq Vittorja.

Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat Memo 44/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' għajnuna finanzjarja għal korsijiet *lifelong learning* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li fil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar kienu ser isiru żewġ klassijiet tal-Malti u klassi tal-Ingliż.

Inqrat Memo 103/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar konferenza *Building Together Sustainable Localities* organizzata bejn il-MEUSAC u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali li ser issir nhar il-Ħadd, 27 ta' Novembru u nhar it-Tnejn, 28 ta' Novembru 2011.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Borg E-GOV *Junior Consultant* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li kienu qed jitqassmu *leaflet* lir-residenti f'Malta u Għawdex dwar il-korsijiet EGOV4U.

Inqrat Memo 93/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *Administration Fee* għal ħlas ta' multi amministrattivi tal-Kunsilli Lokali fejn ġie deċiż li l-kumpens li l-Kumitat Reġjonali għandhom iħallsu lill-Kunsilli Lokali rispettivi bħala tariffa amministrattiva għandha tkun ta' 10% ta' kull pagament li jsir għal kull ċitazzjoni li tiħallas fil-Kunsill Lokali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar konferenza proġett *Standup* li ser issir nhar is-Sibt, 29 ta' Ottubru, 2011 dwar il-krizi ekonomika u soċjali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC dwar korsijiet tal-komputer *Beginner Course* u *ECDL course* li ser isiru fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-avukat tal-Kunsill dwar it-talba għall-ħlas li qed issir mill-kumpanija *Karmig Trading Limited* bħala taxxa fuq il-valur mizjud għax-xogħlijiet li saru minn din il-kumpanija, il-Kunsill ġie nfurmat li din is-somma kienet telgħet għal €153,960.33.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Jeanelle Camilleri dwar programm dedikat lill-organizzazzjonijiet volontarji kollha f'Malta u Għawdex.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-permess sabiex jiġi rranġat ix-Xelter f'Misraħ is-Sliem ġie rifjutat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Greenpak dwar inizjattiva bi premju għar-residenti sabiex isir aktar separazzjoni ta' skart riċiklatt.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali tal-Istatistika Nazzjonali dwar stħarriġ bil-għan li jinġabar informazzjoni dwar il-kwalita' tal-iskart domestiku fil-gzejjer maltin.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-laqgħa għall-Kunsilliera li ser issir nhar is-Sibt, 19 ta' Novembru 2011.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Raymond Micallef għal *Subculture Animal Friends* dwar *sponsor* għall-ktejjeb rigward ħarsien tal-annimali li ser jitqassam b'xejn lill-istudenti kollha li jattendu l-iskejjel Primarji tal-Istat tal-Year 4, Year 5, u Year 6. Il-Kunsill ġie mitlub jissieħeb f'dan il-proġett billi jħallas €100 u jkun parteċipi billi tidher l-arma tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma setgħax jagħti donazzjoni. Il-Viċi Sindku s-Sur Pace ssuġġerixxa li minflokk issir esebizzjoni bir-ritratti tal-annimali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li skond l-artikolu 63a kull donazzjoni kemm fi flus kif ukoll mhux fi flus min xi Kunsill hi pprojbita. Din kienet risposta għall-informazzjoni li kien talab il-Kunsill dwar xiri u installażżjoni ta' *aircondition* fl-għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

- <u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Settembru 2011 li kien jammonta għal €123.37. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Settembru, 2011 u 19 ta' Ottubru 2011 li kien jammonta għal €50,635.29. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

- <u>Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma 2011 - 2013</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-Pjan tal-Ħidma għas-snin 2011 - 2013. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku s-Sur Agius li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Pace.

- <u>Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill, ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għall-perjodu Lulju 2011 – Settembru 2011 flimkien mal-*Financial Indicator* għall-istess perjodu. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

- <u>Aġġudikazzjoni ta` offerti għall-xogħol ta' (ZLC 6/2011)</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi sebgħa offerti għall-xogħol ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 6/2011). L-offerti mitfugħa kienu mingħand:

| Kuntrattur | Prezz | Dokumenti |
|---|---|---|
| Euro Clean Waste Service | €5,750 | mimlija u ffirmati |
| Sur Bryden Azzopardi | €5,550 | mimlija u ffirmati |
| WM Environmental Ltd | €5,800 | mimlija u ffirmati |
| Is-Sinjuri Ronald & Christopher Bezzina | €7,380 | mimlija u ffirmati |
| Is-Sur Owen Borg | €5,200 | Non Collusive mhux iffirmata |
| Is-Sur David Grech | €6,000 | mimlija u ffirmati |

Peress li s-Sur Owen li kien l-orħos offerent naqas milli jiffirma in-*Non Collusive Certificate* fuq proposta tas-Sindku s-Sur Agius li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jistenna r-risposta għall-ittra li l-Kunsill kiteb lid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali biex tingħata nformazzjoni jekk din l-offerta għandiex titqies invalida jew le.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tas-sbattax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ir-risposti tar-residenti ta' Triq il-Kappuccini u t-toroq tal-viċinanzi dwar it-tibdil li sar riċentament fis-sistema tat-traffiku u dwar il-proposta ta' tibdil li qed isir. Is-Sindku qal li minn mittejn ittra li l-Kunsill kien bgħat, irċieva lura 35 biss, 22 resident li jaqblu li jitneħħew it-tabelli u 13 ma jaqblux. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu jimxi mal-maġġoranza.

Is-Sindku s-Sur Agius ppropona li tibda titħaddem is-sistema tal-*cameras* fil-*playing fields* tal-*housing estate*. L-aċċess tal-*internet* kien ser jiswa €109.95 u l-Kunsill kien ser iħallas €13.86 fix-xahar. Is-Sur Buttigieg ssekonda l-proposta tas-Sindku s-Sur Agius u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pisani talab biex jiġi allokat fondi dedikat għal sahra minn impjegat tal-kumpanija tal-IPSL. Is-Sur Pisani talab li l-impjegati tal-IPSL jitħallsu għas-sahra li għamlu din is-sena. Is-Sindku ma qabilx li l-impjegati jitħallsu bl-aretrati. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Pace, il-Kunsill qabel b'sitt voti favur, vot kontra u astensjoni li l-impjegati jitħallsu tas-saħra li għamlu din is-sena.

Fit-8.35 ta' filgħaxija s-Sur Pisani talab li jkun skużat.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Grech tkellem dwar l-ezitu tal-laqgħa li kellu mal-Grupp Armar Paroċċa Madonna tal-Grazzja Żabbar. Is-Sur Grech qal li l-arblu tal-festa li kien hemm quddiem il-Bank of Valletta fi Triq is-Santwarju nqala mill-ewwel hekk kif intemmet il-festa. Il-Grupp Armar Paroċċa Madonna tal-Grazzja Żabbar issuġġerixxa li t-toqob li mhux qed jintuzaw għandhom jingħalqu b'tapp tal-ħadid.

Fit-8.40 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Is-Sur Grech talab li l-Kunsill jibgħat ittra lir-residenti li joqgħodu fil-parti dejqa fi Triq Bajada biex jiġu nfurmati u jekk jaqblux li ssir *road hump* f'din il-parti tat-triq.

Is-Sur Grech qal lic-Chairman tal-Kumitat Amministrattiv ta' St Peter's kienet talbet sabiex jiġu rranġati l-*parking bays* fi Triq J G Baldacchino. Is-Sur Grech talab sabiex il-Kunsill jieħu azzjoni.

Is-Sur Grech talab li l-Kunsill jerga' jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet u l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali dwar Misraħ San Nikola li hija identifikata bħala *Public Urban Open Space* sabiex il-Kunsill jiġi nfurmat meta kien ser isir proġett f'din il-lokalita'.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li jitnaddfu t-tapiti u jinqata l-ħaxix ta' taħt il-bandli fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sinjura Calleja ressqet t-talba tar-residenti sabiex jitneħħa *reserved parking* quddiem ir-residenza Josmaran fi Triq Santa Duminka.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li jitħawwlu aktar fjuri fi *soft areas*.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex il-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' art mitluqa li hemm fi Triq il-Kapuċċini ma' Triq ix-Xgħajra minħabba li kien qed jintrema ħafna skart. Is-Sinjura Calleja qalet li ma kienitx taqbel mal-ħsieb li din l-art jinbena garaxx għall-uzu tal-Kunsill.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq l-10 ta' Settembru, 1797 kif ukoll sabiex jitnaddfu *culverts* li hemm fl-istess triq.

Is-Sindku semma l-bżonn li jsir *extensive patching* fi Triq Mina ta' Hompesch u jiġu rranġati l-bankini minn *Transport Malta.*

Is-Sur Bonnici talab li jsiru *parking bays* fi Triq is-Santwarju fejn qabel kien hemm il-venda. Is-Sindku qal li għalissa aħjar wieħed jistenna għax wisq probabli l-venda kienet ser terġa tintuza.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li tiġi rranġata l-art taħt il-bankina quddiem il-kazin tas-Soċjeta' Filarmonika Maria Mater Gratiae fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Buttigieg talab li jinżabru s-siġar tal-*oleander* li hemm ħdejn iz-*zebra crossing* fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill iressaq it-talba lill-*Transport Malta* biex issiru *Traffic Lights* maz-*zebra crossing* fi Triq Tal-Labour.

Is-Sur Buttigieg ressaq talba tar-residenti sabiex isiru *parking bays* fuq il-bankina fi Triq Wied il-Għajn ħdejn l-għajn taż-żwiemel.

Is-Sur Bonnici qal li l-arblu ornamentali tad-dawl li tneħħa minn Misraħ is-Sliem biex ikun jista' jitpogga l-planċier tal-banda fil-jiem tal-festa, kien għadu ma tpoġġiex f'postu.

Is-Sur Grech talab li titwaħħal bozza jew titpoġġa *bus shelter* bid-dawl fi Triq Wied il-Għajn ħdejn l-għajn taż-żwiemel peress li l-karozzi tal-linja kienu qed jibqu għaddejja għax fid-dlam ma kienux qed jaraw in-nies jistennew.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-391 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 9 ta' Novembru, 2011.

Domenic Agius
Sindku

Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

3 ta’ Novembru, 2011

Għażiż Sindku / Kunsillier

Nixtieq ninfurmakom illi it-390 laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar ser issir nhar il-Erbgħa, 9 ta’ Novembru, 2011 fis-6.00 ta’ filgħaxija fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

<u>Agenda</u>

1) Attendenza u apoloġiji
2) Approvazzjoni tal-minuti
3) Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti
4) Minuti tas-Sotto Kumitati
5) Korrispondenza
6) Xogħol tal-Kunsill
    ▪ Approvazzjoni ta’ finanzi
7) Affarijiet oħra

Nirringrazzjak u nselli għalik

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv